# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM L-20 TA' MEJJU 2019

**Kawza Numru: 10**

**Rik. Gur. 1181/2018 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs.**

**Vicky Desira Schembri**

## Il-Qorti:

## Preliminari

Rat ir-**rikors guramentat tal-bank attur Bank of Valletta p.l.c.** prezentat fit-28 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 16 ta' Dicembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Vicky Desira Schembri.

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Vicky Desira Schembri fis-somma ta' sebgha u tmenin elf, seba' mija u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€87,740.45) bilanc ghad-debitu fil-"*House Loan Accounts*" ta' Vicky Desira Schembri (Dok. "B1" sa "B8" u Dok "C1" sa "C6") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-9 ta' Novembru 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Vicky Desira Schembri

   (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Vicky Desira Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuta Vicky Desira Schembri giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Marsu 2016, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'D', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuta ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, Vicky Desira Schembri (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Vicky Desira Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u

2. Tikkundanna lil Vicky Desira Schembri thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebgha u tmenin elf, seba' mija u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€87,740.45) bilanc ghad-debitu fil-"*House Loan Accounts*" ta' Vicky Desira Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B8" u Dok "C1" sa "C6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-9 ta' Novembru 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 2016 (Dok. "D") kontra l-konvenuta li hija ngunti minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ ammissjoni prezentata mill-konvenuta fl-udjenza tat-13 ta’ Marzu, 2019.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2019 deheret il-konvenuta assistita mill-Avukat tal-fiducja taghha u pprezentat nota ta' ammissjoni.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**DECIDE**

Fuq ammissjoni tal-konvenuta tilqa’ t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi partikolarment imma mhux esklussivament,Vicky Desira Schembri (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Vicky Desira Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Vicky Desira Schembri thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sebgha u tmenin elf, seba’ mija u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€87,740.45) bilanc ghad-debitu fil-“*House Loan Accounts*” ta’ Vicky Desira Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta’ Novembru, 2018 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

3. Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuta.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |
| 20 ta' Mejju 2019 | 20 ta' Mejju 2019 |